# PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT

**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 13.3.11: L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN.**
Il-ġabra li ssir llum fil-knisja se tkun għar-restawri li bħalissa qed nagħmlu fid-dar parrokkjali.
Napprezza lkull ftit għajnuna li tagħtu.
**IT-TLIETA, 15.3.11: Fis-7.15p.m.** Se ssir laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin li jaħdmu jew jistudjaw f'Malta.
Din se tkun fil-Kappella tal-Universita'
Inħeġġu liż-żgħażagħ tagħna biex jieħdu sehem f'dawn il-laqgħat li jsiru apposta għalihom.
**IL-ĠIMGĦA, IS-SIBT U L-ĦADD, 18,19,20 ta' Marzu** se jsir irtir għaż-żgħażagħ fid-Dar Manresa.
**IS-SIBT, 19.03.11: SOLENNITA TA' SAN ĠUŻEPP GĦARUS TA' MARIJA VERĠNI.**
Xieraq li llum niehdu sehem fil-quddiesa.
Il-quddies se jkun bħal nhar ta' Sibt u jkun hemm ukoll l-quddiesa ta' l-10.30a.m.
**FIN-12.30p.m.** jitlaq il-Pellegrinaġġ bix-Xarabank mill-Pjazza tal-knisja għas-Santwarju ta' San Ġużepp fil-Qala. Ikun hemm quddiesa.
**Fit-8.30p.m.** Lectio Divina (Riflessjonijiet għar-Randan) għaż-Żgħażagħ kollha. Din se ssir kull nhar ta' Sibt fis-sibtijiet tar-Randan. Ikunu fid-Dar Nazzaret (ħdejn Manresa House) Victoria.
**IL-ĦADD, 20.3.11: IT-TIENI ĦADD TAR-RANDAN.**

**OFFERTI GĦALL-ISPEJJES LI SARU FIL-MISSJONI FIZ-ZONA**
N.N. €20, N.N. €20, N.N., €20, N.N. €20, N.N. €10, N.N. €10, N.N.€5, N.N.€5, N.N. €5,
**OFFERTI GĦAR-RESTAWR TAD-DAR PARROKJALI:**
N.N. €40

## IL-MIXJA TAR-RANDAN

Iż-Żmien tar-Randan irid idaħħalna f'mixja li biha naslu għal tiġdid spiritwali.
Dan l-eżerċizzju irid jinħadem ġurnata wara ġurnata bla ma nħallu xejn jaqtalna qalbna. Żgur li se jkollna mumenti ta' prova u nsibu ħafna tfixkil li xi drabi jiskuraġġina fil-mixja taghna.
Meta jkollna dan it-tfixkil ikun ifisser li l-eżerċizzju qed iħalli effett, u hawnhekk ikollna l-opportunita' biex nagħmlu rebħa oħra fil-mixja tagħna tar-randan.
F'din il-mixja aħna se nkunu impenjati biex naraw dak li għandu jiġi rranġat u nsibu il-mezzi biex naslu għar-rebħa fuq dan id-difett jew vizzju ecc. li qed jiddominana.
Quddiem ċerti passi li ikollna nieħdu, għandna bżonn ta' ħafna għajnuna, u għalhekk il-Knisja tipproponhielna biex f'dan iż-żmien nitqawwew bis-saħħa tat-talb. Mela t-talb, speċjalment f'dan iż-żmien għandu jingħata ċerta importanza.
Pero' lanqas nistgħu nibqgħu biss li nipprovaw inneħħu l-ħażin minn ġo fina, iżda wkoll għandna nħabirku biex nagħmlu u nkattru t-tajjeb. F'dan l-aspett il-Knisja tgħidilna biex ma naħsbux biss fina nfusna imma jkollna quddiemna il-ħtiġijiet ta' l-oħrajn. Dan huwa wieħed mill-aspetti important li wieħed għandu jaħdem fuqu fir-randan : il-Karita'.
L-iskop tal-penitenza… taċ-ċaħda minn xi ħaġa tal-ikel jew ta' xi ħaġa li togħġobni, huwa li minn dak li nkunu faddalna minn din iċ-ċaħda jingħata bħala Karita'.
Għalhekk ejjew nagħmlu bil-kuraġġ din il-Mixja tar-Randan billi jkollna Kontroll fuq il-ġibdiet/xewqat tagħna; billi t-talb nagħtuh iktar importanza u billi nagħtu Karita.
Dan ikun Randan li ġab bidla fina.